MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1704/2002

**Avviz Numru 1704/02 AJD**
**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Maria Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm322.00) rappresentanti in kwantu ghal Lm120.00 bhala import ta' erba' kambjali (Dok.1 sa 4) li d-data ta' maturita' taghhom skadiet, in kwantu ghas-somma ta' Lm180.00 bhala prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenuta, u in kwantu ghal Lm22.00 bhala imghaxijiet legali dovuti sal-llum fuq l-istess ammont.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fit-8 ta’ Ottubru 2002 fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjes ta’ din l-istanza.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**